

**Dispożittiv**

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Nanogate AG hija kkundannata għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 475, 19.12.2016.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-17 ta' Novembru 2017 – Endoceutics vs EUIPO – Merck (FEMIBION)**

(Kawża T-802/16) <sup>(1)</sup>

**["Trade mark tal-Unjoni Ewropea — Proċedimenti ta' revoka — Trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali FEMIBION — Dikjarazzjoni parzjali ta' revoka — Artikolu 51(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 [li sar l-Artikolu 58(1)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001] — Prova tal-użu ġenwin tat-trade mark — Kwalifika tal-prodotti li għalihom ġie pprovat l-użu ġenwin"]**

(2018/C 005/54)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: Endoceutics, Inc. (Quebec, il-Kanada) (rappreżentant: M. Wahlin, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: M. Vuijst u A. Folliard-Monguiral, aġenti)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-EUIPO, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Merck KGaA (Darmstadt, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Best, U. Pfléghar u S. Schäffner, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Lulju 2016 (Każ R 1608/2015-1), dwar proċedimenti ta' revoka bejn Endoceutics u Merck.

**Dispożittiv**

- 1) Id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO) tal-14 ta' Lulju 2016 (Każ R 1608/2015-1), hija annullata sa fejn żammet ir-reġistrazzjoni tat-trade mark tal-Unjoni Ewropea għall-"prodotti farmaċewtiċi għat-tiġħ tas-sistema immunitarja, għall-menopawża, għall-mestrwazzjonijiet, għat-trattament u l-ġestjoni tat-tqala, għall-prevenzjoni, it-trattament u l-ġestjoni tal-istress, għall-prevenzjoni, it-trattament u l-ġestjoni tal-istress ikkawżat minn alimentazzjoni mhux ekwilibrata jew defiċjenti".
- 2) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 3) Merck KGaA għandha tbat, minbarra l-ispejjeż tagħha, nofs l-ispejjeż sostnuti minn Endoceutics Inc. quddiem il-Qorti Ġenerali kif ukoll l-ispejjeż sostnuti minn Endoceutics quddiem il-Bord tal-Appell.
- 4) Endoceutics għandha tbat n-nofs tal-ispejjeż tagħha.
- 5) L-EUIPO għandu jbat l-ispejjeż tiegħu.

<sup>(1)</sup> ĠU C 22, 23.1.2017